**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Jacqueline Rapinett**

**Kumpilazzjoni Numru: 1274/14**

**Illum, 4 ta' Gunju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Jacqueline Rapinett detentrici tal-karta tal-identita` numru 56077M giet akkuzata talli nhar l-20 ta' Dicembru 2014, gewwa Triq fuq San Pawl, Bormla u gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla, Misrah Gavino Gulia, Bormla ghal habta bejn l-ghaxra u l-ghaxra u nofs (2200hrs – 2230hrs) ta' bil-lejl;

a) talli ngurjat, jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wiehed inarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe' ***PS337 Mark Anthony Mercieca, PC229 Kenneth Camilleri*** u ***WPC210 Tania Mangion*** waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizzi,

b) ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament, kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor

c) kisret il-bon ordni jew il-kwet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi

d) talli rrendiet ruhha recediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li giet misjuba hatja b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma tistax jigu mibdula

e) u aktar talli l-istess imputata kisret il-provedimenti tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu permezz ta sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' ***PS337 Mark Anthony Mercieca***, ***PC229 Kenneth Camilleri*** u ***WPC210 Tania Mangion*** jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil ***Jacqueline Rapinett*** b'obbligazzjoni taghha nnifisa taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xeraq.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra ***Jacqueline Rapinett***, a beneficcju ta ***PS337 Mark Anthony Mercieca***, ***PC229 Kenneth Camilleri*** u ***WPC210 Tania Mangion***, u l-familja taghhom, u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu li dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament l-ammissjoni tal-imputata ghall-akkuzi kif dedotti kontriha nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April elfejn u hmistax (2015) u fejn hija talbet illi jithejja *Pre Sentencing Report* min-naha tal-*probation officer* imqabbad apposta nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017);

Illi din il-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputata ssib postha fis-socjeta', teghleb il-vizzju tad-droga u ssib impjieg fiss u llum il-gurnata hija f'pozizzjoni ahjar u b'mod seren sabiex tghaddi ghas-sentenza;

Izda ghalkemm din il-Qorti trid taghti opportunita' ohra lill-imputata sabiex tkompli timxi fuq il-pass it-tajjeb, pero' xorta wahda hija realta' li l-imputata ghandha addebitati kontriha l-akkuzi ta' ksur ta' *probation order* u r-recidiva;

Illi allura u ghalkemm il-probation officer Maria Mifsud ipproponiet li tinghata sentenza ta' *probation* kif ukoll ta' *community work* din il-Qorti hija prekluza mill-Kapitolu 446 stess illi taghti din is-sentenza. Ghalhekk l-aktar sentenza ekwa skont ic-cirkostanzi hija sentenza sospiza b'supervizjoni fl-istess hin pero' ma tiehux konjizzjoni tar-recidiva bhala piena stante l-progress tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 95, 338 (m), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata **Jacqueline Rapinett** hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u ghall-akkuzi (a) sa (d) tikkundannaha ghal hames (5) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G qed jigu sospizi ghal sena (1) flimkien ma' Ordni ta' Supervizjoni ghall-istess zmien operattiv flimkien ma' multa ta' tmien mitt ewro (800). Inoltre l-imputata qieghda tigi mpoggija ghall-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ghall-akkuza (e) u dan taht l-Artikolu 11 tal-

Kapitolu 446 u dan ghal sittin (60) siegha, liema ordnijiet qed jigu annessi ma' din is-sentenza.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**